

(2) Komunikazzjoni ta' informazzjoni li ma tkunx tikkorrispondi għall-verità lil konsumatur wieħed biss għandha tiġi kkunsidrata bħala prattika kummerċjali fis-sens tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali) Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 149, p. 22)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mix-Schleswig-Holsteinisches Oberverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fil-25 ta' Lulju 2013 — Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein vs Dr. med. vet. Uta Wree**

(Kawża C-422/13)

(2013/C 304/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Schleswig-Holsteinisches Oberverwaltungsgericht

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein

Konvenuta: Dr. med. vet. Uta Wree

#### Domandi preliminari

Erja, li, minkejja li tintuża għal finijiet agrikoli (mergħa għat-trobbija tan-nagħaġ), tiffirma madankollu s-saff tal-wiċċ ta' landfill imqiegħed fil-faġi ta' ġestjoni wara l-għeluq tagħha, tikkostitwixxi wkoll erja agrikola fis-sens tal-Artikolu 34(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009 (<sup>1</sup>)?

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003; ĠU L 30, p. 16.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fil-25 ta' Julju 2013 — UAB “Vilniaus enerġija” vs Lietuvos metrologijos inspekcijos Vilniaus apskrities skyrius**

(Kawża C-423/13)

(2013/C 304/09)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

#### Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: UAB “Vilniaus enerġija”

Konvenut: Lietuvos metrologijos inspekcijos Vilniaus apskrities skyrius

#### Domandi preliminari

L-Artikolu 34 TFUE u/jew id-Direttiva 2004/22 (<sup>1</sup>) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali, li jistabbilixxu li arloġġ tal-ilma sħun, li jissodisfa r-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 2004/22, li jkun ikkomunikat ma' apparat għat-trażmissjoni ta' data b'distanza (telemetriku) huwa kkunsidrat bħala sistema ta' kejl u, konsegwentement, dan l-arloġġ tal-ilma sħun ma jistax jintuża għall-iskopijiet oriġinali tiegħu sakemm ma jkunx ġie suġġettat, flimkien mal-apparat għat-trażmissjoni ta' data b'distanza (telemetriku), għal verifika metroloġika bħala sistema ta' kejl?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar l-istrumenti tal-kejl (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 149).

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2013 minn Erich Kastenholtz mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-6 ta' Ġunju 2013 fil-Kawża T-68/11 — Erich Kastenholtz vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-435/13 P)

(2013/C 304/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Appellant: Erich Kastenholtz (rappreżentant: L. Acker, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Qwatchme A/S

#### Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali;